

Il-Ġurnal Uffiċjali L 162

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

28 ta' Ġunju 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1308 tal-21 ta' Ġunju 2023 li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Novigradska dagnja" (DOP))** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1309 tas-26 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-FAEG u għall-FAEŻR** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1310 tas-27 ta' Ġunju 2023 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li tikkonċerna l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis Spach*, ta' *Juniperus L.* u ta' ċerti speċijiet ta' *Pinus L.* imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1311 tas-27 ta' Ġunju 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1312 tas-27 ta' Ġunju 2023 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 rigward ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' zkuk tal-ballut bil-qoxra li joriġinaw mill-Istati Uniti** 51

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1313 tat-22 ta' Ġunju 2023 li tapprova, f'isem l-Unjoni Ewropea, l-emendi għall-Anness 14-B tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika** 57

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Komitat Konġunt bejn l-UE u l-Iżvizzera tat-12 ta' Ġunju 2023 li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972, kif emendat [2023/1314] 67**

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1308

tal-21 ta' Ġunju 2023

li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Novigradska dagnja" (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Kroazja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Novigradska dagnja" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Novigradska dagnja" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Novigradska dagnja" (DOP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.7. Ħut frisk, molluski, krustaċji u prodotti derivati minnhom kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 80, 3.3.2023, p. 84.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1309**tas-26 ta' April 2023****li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-FAEG u għall-FAEŻR**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 38(2), l-Artikolu 47(1), l-Artikolu 55(6), l-Artikolu 76(2), l-Artikolu 94(5) u (6) u l-Artikolu 105 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro.
- (2) It-Titolu IV, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi l-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet ta' dawk l-entitajiet li jkunu jirċievu jew iħallsu pagamenti relatati direttament jew indirettament mas-sistema tal-iffinanzjar tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), biex jiġi aċċertat jekk it-tranżazzjonijiet li jiffirmaw parti mis-sistema tal-iffinanzjar mill-FAEG ikunux effettivament saru u ġew eżegwiti sew. Il-miżuri li min-natura tagħhom ma jkunux adattati għal kontroll *ex post* permezz ta' verifiki ta' skrutinju tad-dokumenti kummerċjali, u l-miżuri li jikkonċernaw il-pagamenti relatati ma' żona jew mhux relatati ma' dokumenti kummerċjali li jistgħu jkunu soġġetti għal skrutinju, jenħteġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet. Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ⁽³⁾, li jistipula li l-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet ikopri s-sena finanzjarja tal-FAEG ta' qabel il-bidu tal-perjodu tal-iskrutinju, li tibda kull sena mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, l-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet ikopri t-tranżazzjonijiet minn qabel beda japplika r-Regolament (UE) 2021/2116. Biex tkun żgurata tranżizzjoni bla xkiel mill-arranġamenti previsti fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, jixraq jiġu previsti regoli tranżizzjonali li jeskludu mill-ambitu tal-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet dawk il-miżuri li qabel kienu eżentati bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ⁽⁵⁾. Billi dawk il-miżuri qatt ma kienu adattati għall-kontroll tal-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet, din l-emenda jenħteġ li tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023, id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2022/127 ħassar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, l-Artikolu 40, it-tieni paragrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jelenka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 li jibqgħu japplikaw, ma qiesx li ċerti dispożizzjonijiet jeħteġ jibqgħu japplikaw fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti mħallsa għall-iskemi ta' għajnuma skont ir-Regolament (UE)

⁽¹⁾ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jstabilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ fis-sena kalendarja 2022 u qabel, għall-miżuri implimentati skont ir-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 228/2013 ⁽⁷⁾, (UE) Nru 229/2013 ⁽⁸⁾, (UE) Nru 1308/2013 ⁽⁹⁾ u (UE) Nru 1144/2014 ⁽¹⁰⁾ sal-31 ta' Diċembru 2022, fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti mħallsa għall-operazzjonijiet implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 wara l-31 ta' Diċembru 2022 u sa tmiem dawn l-iskemi ta' għajnunata, u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾. Dan ħoloq lakuna legali. Għalhekk, l-Artikolu 40, it-tieni paragrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jenħtieġ li jiġi kkoreġut billi jiddiedu d-dispożizzjonijiet ikkonċernati fil-lista. Din il-korrezzjoni jenħtieġ li tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023, id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2022/127

L-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 39

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Meta aġenzija tal-pagamenti, akkreditata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tassumi r-responsabbiltà għal nefqa li ma kinitx responsabbli għaliha qabel, din għandha tiġi akkreditata bir-responsabbiltajiet il-ġodda qabel l-1 ta' Jannar 2023.
2. Il-miżuri elenkati fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 ma għandhomx ikunu soġġetti għas-sistema tal-iskrutinju stabbilita mit-Titolu IV, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2116.”.

Artikolu 2

Korrezzjoni għar-Regolament Delegat (UE) 2022/127

Fl-Artikolu 40, it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- ⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).
- ⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).
- ⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).
- ⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).
- ⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).
- ⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

- “(a) L-Artikoli 5 u 5a, l-Artikolu 7(3) u (4), l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 41(5) ta’ dak ir-Regolament Delegat għandhom jibqgħu japplikaw:
- (i) fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti mħallsa għall-iskemi ta’ għajjnuna skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fir-rigward tas-sena kalendarja 2022 u qabel;
 - (ii) il-miżuri implimentati sal-31 ta’ Diċembru 2022 skont ir-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1144/2014;
 - (iii) għall-iskemi ta’ għajjnuna msemmija fl-Artikolu 5(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti mħallsa għall-operazzjonijiet implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 wara l-31 ta’ Diċembru 2022 u sa tmiem dawk l-iskemi ta’ għajjnuna; kif ukoll
 - (iv) fir-rigward tal-FAEŻR, fir-rigward tan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti mħallsa mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

(**) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ April 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1310

tas-27 ta' Ġunju 2023

li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li tikkonċerna l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis Spach*, ta' *Juniperus L.* u ta' ċerti speċijiet ta' *Pinus L.* imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 40(2) u 41(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/499/KE⁽²⁾ awtorizzat lill-Istati Membri jipprevedu derogi mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE⁽³⁾, fir-rigward tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt 1 tal-Parti A tal-Anness III ta' dik id-Direttiva, għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, għajr il-frott u ż-żrieragħ, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea.
- (2) Fis-17 ta' Jannar 2019, ir-Repubblika tal-Korea ressqet talba għall-estenzjoni tal-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/499/KE, iżda dik l-estenzjoni ma nġhatatx qabel l-iskadenza ta' dik id-Deċiżjoni fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 issostitwixxa d-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, filwaqt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072⁽⁴⁾ issostitwixxa l-Annessi I sa V ta' dik id-Direttiva.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni minn ċerti pajjiżi terzi hija pprojbita. F'konformità mal-punt 1 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament hija pprojbita l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, għajr il-frott u ż-żrieragħ.
- (5) Sal-31 ta' Diċembru 2020, l-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, soġġett għar-reqwiziti tad-Deċiżjoni 2002/499/KE, kif applikati effettivament mir-Repubblika tal-Korea, ma ppreżentat ebda riskju fitosanitarju għat-territorju tal-Unjoni. Barra minn hekk, mid-data meta bdiet tapplika dik id-Deċiżjoni, ma kienx hemm evidenza xjentifika jew teknika li indikat li kien feġġ ebda riskju ġdid b'rabta ma' daww il-pjanti. Għalhekk jenħteġ li dik id-deroga terġa' tingħata.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/499/KE tas-26 ta' Ġunju, 2002, li tawtorizza li jkun hemm derogi għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar pjanti ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, imċekknin b'mod naturali jew artifiċjal u li għandhom l-oriġini tagħhom fir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 53).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (6) Jenħtieġ li dik id-deroga tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/499/KE. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti japplikaw mingħajr preġudizzju għall-punt 30 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għajr iż-żrieragħ.
- (7) Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-lista tal-pesti ta' tħassib tiġi aġġornata b'rabta mal-lista korrispondenti tad-Deċiżjoni 2002/499/KE biex tirrifletti l-informazzjoni xjentifika ġdida riċenti.
- (8) Diversi pesti li jospitaw il-pjanti speċifikati, u b'mod partikolari l-pesti *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f., *Crisicoccus pini* (Kuwana), *Dendrolimus spectabilis* (Butler), *Dendrolimus superans* Butler, u *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye għadhom mhumiex elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni għaliex għadu ma ġiex ivvalutat ir-riskju fitosanitarju li joħolqu. Għaldaqstant, billi dan ir-Regolament jindirizza riskju fitosanitarju partikolari li għadu ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ, ir-rekwiżiti li jipprevedi jridu jkunu temporanji, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali, tal-ispeċijiet li ġejjin:
 - (a) *Chamaecyparis* sp. Spach,
 - (b) *Juniperus* sp. L.,
 - (c) *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr),
 - (d) *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc., imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċi oħra ta' *Pinus* li toriġina mir-Repubblika tal-Korea.
- (2) "pest ta' tħassib" tfisser:
 - (a) għall-pjanti speċifikati kollha: kwalunkwe pest ta' kwarantina fl-Unjoni, kwalunkwe pest ta' kwarantina f'żoni protetti, jew kwalunkwe pest li jkun soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhuwiex magħruf li jeżisti fl-Unjoni;
 - (b) għall-pjanti tal-*Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr), il-pesti msemmija fil-punt (a) u kwalunkwe wieħed mill-pesti li ġejjin:
 - (i) *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f.;
 - (ii) *Crisicoccus pini* (Kuwana);
 - (iii) *Dendrolimus spectabilis* (Butler);
 - (iv) *Dendrolimus superans* Butler;
 - (v) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye.

*Artikolu 2***Deroga mill-projbizzjoni tal-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fit-territorju tal-Unjoni**

1. B'deroga mill-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-introduzzjoni fit-territorju tal-pjanti speċifikati għandha tkun permessa soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-pjanti speċifikati introdotti fit-territorju tal-Unjoni fiż-żminijiet li ġejjin:
 - (a) għall-*Chamaecyparis*: mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2028;
 - (b) għall-*Juniperus*: mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2028;
 - (c) għall-*Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr) u *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc., imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċi oħra ta' *Pinus* li toriġina mir-Repubblika tal-Korea: mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2028.

*Artikolu 3***Konferma tal-preżenza ta' pest ta' tħassib waqt jew wara l-perjodu ta' detenzjoni ta' wara d-dħul**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull pest ta' tħassib li l-preżenza tiegħu tkun ġiet ikkonfermata waqt il-perjodu ta' detenzjoni ta' wara d-dħul imsemmi fil-punt 9 tal-Anness, jew warajh.

F'dan il-każ, kull pjanta speċifikata li toriġina mill-mixtla minn fejn tkun oriġinat il-pjanta speċifikata infettata/infestata ma għandhiex tingħata permess tiġi introdotta fit-territorju tal-Unjoni qabel ma tiġġedded ir-reġistrazzjoni tal-mixtla msemmija fil-punt 11 tal-Anness.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-unjoni tal-pjanti speċifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2

1. Jekk il-pjanti speċifikati jkunu *Pinus parviflora* Sieb. u Zucc. imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċi oħra ta' *Pinus*, is-salvaġġ ma għandux ikollu rimjiet.
2. It-total tal-pjanti speċifikati importati ma għandux jaqbeż il-kwantitajiet determinati għal kull sena u notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-Istat Membru importatur, filwaqt li jitqiesu l-faċilitajiet ta' konfinament jew l-istazzjonijiet ta' kwarantana disponibbli.
3. Qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu tkabbru, iżammju jew ġew ikkultivati għal mill-inqas sentejn konsekuttivi fi mxietel awtorizzati, li huma soġġetti għal reġim tal-kontroll mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ("NPPO") tar-Repubblika tal-Korea u awtorizzati speċifikament biex jiġu esportati lejn l-Unjoni. Il-listi annwali tal-imxietel awtorizzati uffiċjalment għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru ta' kull sena. Dawk il-listi għandhom jinkludu l-għadd ta' pjanti li jitkabbru f'kull mixtla li jkunu tqiesu xierqa biex jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni.
4. Fil-każ tal-pjanti tal-*Juniperus*, il-pjanti tal-ġeneri *Chaenomeles* Lindl., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Juniperus* L., *Malus* Mill., *Photinia* Ldl. u *Pyrus* L., li jkunu tkabbru fl-aħħar sentejn qabel l-importazzjoni fl-imxietel awtorizzati msemmija fil-punt 3, u fl-inħawi qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment mill-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib għall-pjanti rispettivi. Fil-każ tal-pjanti tal-*Chamaecyparis* u tal-*Pinus*, il-pjanti tal-ġeneru *Chamaecyparis* Spach u tal-ġeneru *Pinus* L. li jkunu tkabbru f'dawn l-imxietel tal-pjanti m'cekkna b'mod naturali jew artifiċjali, jew fil-qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment għall-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib rispettivi.
5. F'dawk l-ispezzjonijiet, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu nstabu ħielsa mill-pesti ta' tħassib.

Il-pjanti infestati għandhom jitneħħew mill-NPPO, jew mill-korpi nazzjonali kompetenti jew mill-operaturi professjonali bis-superviżjoni uffiċjali tal-NPPO. Il-pjanti speċifikati li jifdal għandhom jiġu ttrattati b'mod effettiv u jinżammju għal perjodu xieraq u jiġu spezzjonati biex ikun żgurat li jkunu ħielsa minn dawk il-pesti.

Kull sejba tal-pesti ta' tħassib waqt l-ispezzjonijiet li jsiru skont il-punt 4 għandha tiġi rreġistrata uffiċjalment, u r-reġistru għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, jekk titolbu.

Kull sejba ta' xi wieħed mill-pesti ta' tħassib għandha tiskwalifika lill-mixtla mil-lista tal-imxietel awtorizzati. L-NPPO tar-Repubblika tal-Korea għandha minnufih tinforma lill-Kummissjoni dwarha, u tħassar il-mixtla mil-lista tal-imxietel awtorizzati, kif imsemmi fil-punt 3. L-NPPO ma tkunx tista' ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' dik il-mixtla qabel is-sena suċċessiva.

6. Il-pjanti speċifikati maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, għandhom, tul il-perjodu ta' sentejn konsekuttivi msemmi fil-punt 3:
 - (a) jitħawlu fi qsari li jitqiegħdu fuq xkafef għoljin mill-inqas 50 cm mill-art jew fuq paviment tal-konkrit impenetrabbli għan-nematodi, li jinżamm tajjeb u ħieles mir-radam;
 - (b) waqt l-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 4, jinstabu ħielsa mill-pesti ta' tħassib;
 - (c) jintgħarfu permezz ta' marka jew ta' kodiċi ta' traċċabbiltà esklussiva għal kull pjanta individwali, u notifikata lill-NPPO, dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-mixtla awtorizzata uffiċjalment u tas-sena tat-tħawwil fil-qsari; u
 - (d) jekk ikunu tal-ġeneru *Pinus* L. u fil-każ ta' tlaqqim fuq is-salvaġġ ta' speċi oħra ta' *Pinus*, għajr tal-*Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. is-salvaġġ għandu jkun idderivat minn sorsi approvati uffiċjalment bħala materjal f'saħħtu;

7. Il-pjanti speċifikati għandhom ikunu traċċabbli mill-ħin li jinħarġu mill-mixtla sal-ħin tat-tagħbija għall-esportazzjoni, billi jiġu ssiġillati l-vetturi tat-trasport inkella b'alterantivi xierqa.
8. Il-pjanti speċifikati u l-materjal għat-*tkabbir* li jkun imwahaħhal magħhom jew li jkunu *tkabbri* fih ("il-materjal") għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju, maħruġ mill-NPPO, li jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-punti 1 sa 7 ta' dan ir-Regolament, u fil-punt 30 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2019/2072.
Iċ-ċertifikat għandu juri:
 - (a) l-isem jew l-ismijiet tal-mixtla jew tal-imxietel irreġistrati uffiċjalment;
 - (b) il-marki jew il-kodiċijiet tat-traċċabbiltà msemija fil-punt 6(c), safejn dawn jgħinu fl-identifikazzjoni tal-mixtla awtorizzata u s-sena tat-tħawwil fil-qsari;
 - (c) id-dettalji dwar l-aħħar trattamenti li jkun ingħata qabel ma ntbagħtu;
 - (d) taħt "Dikjarazzjoni Addizzjonali", id-dikjarazzjoni "Din il-kunsinna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/1310".
9. Qabel ma jiġu rilaxxati, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu ssoġġettati għal detenzjoni uffiċjali ta' wara d-dħul f'faċilità ta' konfinament jew fi stazzjon ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur ta' *tkabbir* attiv.
fil-każ tal-pjanti *Juniperus*, il-perjodu ta' detenzjoni għandu jkun mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.
Tul dan il-perjodu ta' detenzjoni u anki warajh, il-materjal għandu jinstab ħieles minn kull pest ta' tħassib. L-awtorità kompetenti jew l-operaturi professjonali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari li jiġu ppreservati l-marka jew il-kodiċi tat-traċċabbiltà, imsemija fil-punt 6(c), ta' kull pjanta.
10. Kull lott li jkun fih materjal li ma jkunx instab ħieles mill-pesti ta' tħassib tul il-perjodu ta' detenzjoni wara d-dħul, imsemmi fil-punt 9, għandu jinqered minnufih mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonali bis-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti.
11. F'dan il-każ, l-NPPO għandha tħassar il-mixtla rilevanti fir-Repubblika tal-Korea mil-lista tal-imxietel awtorizzati msemija fil-punt 3.

L-NPPO ma tkunx tista' ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' dik il-mixtla qabel is-sena suċċessiva.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1311**tas-27 ta' Ġunju 2023****li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' April 2019, CVAS Development GmbH issottomettiet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' familja ta' prodotti bijoċidali bl-isem ta' "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" tat-tipi ta' prodott 3 u 4, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tas-Slovenja qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-XR051157-11 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.
- (2) Is-sustanza attiva fis-"CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" hija l-aċidu L-(+)-lattiku, li huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodott 3 u 4.
- (3) Fis-7 ta' Jannar 2022, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni sottomettiet, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.
- (4) Fil-5 ta' Lulju 2022, l-Aġenzija ressqet l-opinjoni tagħha ⁽²⁾, l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SKP") ta' "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" u r-rapport finali tal-valutazzjoni dwar il-familja ta' prodott bijoċidali lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (5) L-opinjoni kkonkludiet li "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" hija familja ta' prodott bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(s) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li hija eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SKP, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) u (6) ta' dak ir-Regolament.
- (6) Fl-20 ta' Lulju 2022, l-Aġenzija baġtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid".
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.⁽²⁾ ECHA opinion of 15 June 2022 on the Union authorisation of "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid" (ECHA/BPC/345/2022), <https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation>

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0028957-0000 lil CVAS Development GmbH għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "CVAS Biocidal Product Family based on L (+) Lactic Acid", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbiliti fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-18 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2033.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali

CVAS Biocidal Product Family based on L(+) Lactic Acid

Prodott tip 3 - Iġjene veterinarja (Diżinfettanti)

Prodott tip 4 - Qasam tal-ikel u tal-ġhalf (Diżinfettanti)

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0028957-0000

Numru tal-ass R4BP: EU-0028957-0000

PART I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI**1. INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA****1.1. Kunjom**

Isem	CVAS Biocidal Product Family based on L(+) Lactic Acid
------	--

1.2. Tip(i) ta' prodott

Tip(i) ta' prodott	TP 03 - Iġjene veterinarja TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-ġhalf
--------------------	---

1.3. Detentur tal-awtorizzazzjoni

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	CVAS Development GmbH
	Indirizz	Am Hafen 16, 68526 Ladenburg Ġermanja
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0000	
Numru tal-ass R4BP	EU-0028957-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	18.7.2023	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	30.6.2033	

1.4. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali

L-isem tal-manifattur	Calvatis GmbH
L-indirizz tal-manifattur	Am Hafen 16, 68526 Ladenburg Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Am Hafen 16, 68526 Ladenburg Ġermanja

L-isem tal-manifattur	Arthur Schopf Hygiene GmbH & Co. KG
L-indirizz tal-manifattur	Pfaffensteinstraße 1, 83115 Neuubeuern Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Pfaffensteinstraße 1, 83115 Neuubeuern Ġermanja

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Aċidu L-(+)-lattiku
L-isem tal-manifattur	Purac Biochem bv
L-indirizz tal-manifattur	Arkelsedijk 46, 4206AC Gorinchem Olanda
Post ta' siti ta' manifattura	Arkelsedijk 46, 4206AC Gorinchem Olanda

2. **IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U L-FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)	
					Min	Mass
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92	17,6
Aċidu metansulfoniku	Aċidu metansulfo-niku	Sustanza mhux attiva	75-75-2	200-898-6	0,0	10,5
Aċidu fosforiku	Aċidu fosforiku	Sustanza mhux attiva	7664-38-2	231-633-2	0,0	18,75
Aċidu sulfuriku	Aċidu sulfuriku	Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	0,0	4,5
Aċidu isononanojku	Aċidu isononanojku	Sustanza mhux attiva	3302-10-1	221-975-0	0,0	2,5

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Formulazzjoni/Formulazzjonijiet	AL - Kwalunkwe likwidu ieħor E - konċentrat Jinħall
---------------------------------	--

PARTI II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI - META SPC(S)

META SPC 1

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA TAL-META SPC 1**

1.1. **Identifikatur tal-Meta SPC 1**

Identifikatur	mSPC1
---------------	-------

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1
-------	-----

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	TP 03 - Iġjene veterinarja
--------------------	----------------------------

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)	
					Min	Mass
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92	1,96

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Formulazzjoni/Formulazzjonijiet	AL - Kwalunkwe likwidu ieħor
---------------------------------	------------------------------

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	
Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni	

4. **UŻU AWTORIZZAT TAL-META SPC 1**4.1. **deskrizzjoni użu**

Tabella 1

Uża # 1 – Uża #1.1 – Dizinfekzjoni tal-bżiezel wara t-taħlib b'tgħaddis manwali jew awtomatizzat

Tip ta' Prodott	TP 03 - Iġjene veterinarja
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Bakterja istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Ħmejjer istadju iżvilupp: ebda data

Qasam tal-użu	Indoor Diżinfazzjoni tal-bżieżel wara t-taħlib
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: Tgħaddis Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfazzjoni tal-bżieżel wara t-taħlib Tgħaddis manwali bl-użu ta' kikkra tat-tgħaddis Tgħaddis awtomatizzat minn robot
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: Prodott lest għall-użu (RTU), 1,92-1,96% aċidu L-(+)-lattiku Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: 2-3 darbiet kuljum (wara kull taħlib)
Kategorija(i) tal-utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Jerrycan tal-polietilen ta' densità għolja (HDPE): 5-60 kg Tanbur tal-HDPE: 60-200 kg Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) tal-HDPE: 600-1 000 kg

4.1.1. Uża speċifika istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifika għall-użu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.3. Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU ⁽¹⁾ TAL-META SPC 1

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Il-prodott għandu jinġiebu f'temperatura bejn 20°C u 30°C qabel jintuża.

L-użu ta' pompa ta' dożaġġ biex il-prodott jimtela' fit-tagħmir ta' applikazzjoni huwa rakkomandat.

Imla t-tank tal-pompa ta' dożaġġ bil-prodott RTU. Evita l-iskariku ta' fluwidi żejda.

⁽¹⁾ L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsimha huma validi għal kull użu awtorizzat fi ħdan il-meta SPC 1.

Applika l-prodott permezz ta' tgħaddis manwali jew awtomatizzat. Ara li l-bżieżel ikunu mgħottija kompletament bid-diżinfettant. Il-volumi ta' applikazzjoni għall-baqar u l-bufla - 5 ml/trattament u għan-nagħaġ u l-mogħoż - 3 ml/trattament.

Ħalli l-prodott fuq il-bżieżel sat-taħlib li jmiss. Żomm l-animali bilwieqfa għal tal-inqas 5 minuti wara t-trattament.

Wara d-dizinfazzjoni naddaf it-tagħmir tal-applikazzjoni billi tlaħalħu bl-ilma.

5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju

Xejn

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

FKAŽ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: jekk iseħħu xi sintomi laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINBELA': jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

Miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

Prekawzjonijiet ambjentali: tħallix li l-prodott jidħol f'sistemi tad-drenaġġ jew korpi tal-ilma.

Metodi u materjal għall-konteniment u għat-tindif: assorbi b'materjal li jgħaqqad il-likwidi (ramel, diatomit, legant universali). Tużax materjal li jaqbad bħal

serratura. Armi l-materjal miġbur skont ir-regolamenti lokali.

5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Fi tmiem it-trattament armi kull prodott li ma ntużax u l-ippakkjar skont ir-rekwiżiti lokali.

Il-prodott użat jista' jiġi fflaxxjat fid-drenaġġ muniċipali jew mormi fid-depożitu tad-demel skont ir-rekwiżiti lokali.

5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar

Taħżinx f'temperatura ogħla minn 40°C.

Żomm' il bogħod mis-sħana u mid-dawl tax-xemx dirett.

Ipproteġi mill-ġlata.

Żomm il-kontenitur magħluq sew.

6. INFORMAZZJONI OĦRA

Mhux rilevanti

7. IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1

7.1. Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali

Isem kummerċjali	calgodip Amadine Film		qasam tas-suq: EU		
	AGRIMARKT MILCHSÄUREMANTEL		qasam tas-suq: EU		
	IWETEC MILCHSÄURE DIPP		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0001 1-1				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92

7.2. Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali

Isem kummerċjali	Dip es organic DL		qasam tas-suq: EU		
	Traylac O-F		qasam tas-suq: EU		
	Baktostop Lactic		qasam tas-suq: EU		
	Lacti-Bac Dip		qasam tas-suq: EU		
	DS 1.0 F		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0002 1-1				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92

7.3. Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali

Isem kummerċjali	calgodip Blue Kamille Film		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0003 1-1				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92

7.4. **Isem/ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem kummerċjali	Dip es protect DL		qasam tas-suq: EU		
	BaktoStop lactic H		qasam tas-suq: EU		
	Dip Agro Green Protect		qasam tas-suq: EU		
	Kuhmilin Dip Top M		qasam tas-suq: EU		
	Lacti-Protect Dip		qasam tas-suq: EU		
	DSR 1.5 F		qasam tas-suq: EU		
	ProfiMix inSilk		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0004 1-1				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	1,92

META SPC 2

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA TAL-META SPC 2**

1.1. **Identifikatur tal-Meta SPC 2**

Identifikatur	mSPC2
---------------	-------

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2
-------	-----

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	TP 03 - Iġjene veterinarja
--------------------	----------------------------

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)	
					Min	Mass
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	6,8	6,8

2.2. Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2

Formulazzjoni/Formulazzjonijiet	AL - Kwalunkwe likwidu ieħor
---------------------------------	------------------------------

3. DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	Jagħmel irritazzjoni tal-ġilda. Jagħmel ħsara serja lill-ġhajnejn.
Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni	Aħsel idejk sew wara li timmaniġġjah. Ilbes ingwanti protettivi. Ilbes protezzjoni għall-ġhajnejn. JEKK FUQ IL-ĠILDA: Baħbaħ b'ħafna ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib. JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ. Sejjaħ minnufih ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT. Sejjaħ minnufih tabib. Armi l-kontenut fi qbil mar-regolamenti lokali. Armi il-kontenitur fi qbil mar-regolamenti lokali.

4. UŻU AWTORIZZAT TAL-META SPC 2

4.1. deskrizzjoni użu

Tabella 2

Uża # 1 – Uża #2.1 – Dizinfekzjoni tal-bżieżel wara t-taħlib b'tgħaddis manwali jew awtomatizzat

Tip ta' Prodott	TP 03 - Iġjene veterinarja
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Bakterja istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Ħmejjer istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Dizinfekzjoni tal-bżieżel wara t-taħlib
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: Tgħaddis Deskrizzjoni dettaljata: Dizinfekzjoni tal-bżieżel wara t-taħlib Tgħaddis manwali bl-użu ta' kikkra tat-tgħaddis Tgħaddis awtomatizzat minn robot

Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: Prodott RTU, 6,80% aċidu L-(+)-lattiku Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: 2-3 darbiet kuljum (wara kull taħlib)
Kategorija(i) tal-utenti	professionali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Jerrycan tal-HDPE: 5-60 kg Tanbur tal-HDPE: 60-200 kg IBC tal-HDPE: 600-1 000 kg

4.1.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuma u miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU ^(*) TAL-META SPC 2**

5.1. **Istruzzjonijiet għall-użu**

Il-prodott għandu jinġiebu f'temperatura bejn 20°C u 30°C qabel jintuża.

L-użu ta' pompa ta' dożaġġ biex il-prodott jimtela' fit-tagħmir ta' applikazzjoni huwa rakkomandat.

Imla t-tank tal-pompa ta' dożaġġ bil-prodott RTU. Evita l-iskariku ta' fluwidi żejda.

Applika l-prodott permezz ta' tgħaddis manwali jew awtomatizzat. Ara li l-bżieżel ikunu mgħottija kompletament bid-diżinfettant. Il-volumi ta' applikazzjoni għall-baqar u l-bufla - 5 ml/trattament u għan-nagħaġ u l-mogħoż - 3 ml/trattament.

Ħalli l-prodott fuq il-bżieżel sat-taħlib li jmiss. Żomm l-annimali bilwieqfa għal tal-inqas 5 minuti wara t-trattament.

Wara d-dizinfazzjoni naddaf it-tagħmir tal-applikazzjoni billi tlaħalħu bl-ilma.

Żommu' l bogħod minn fejn jistgħu jilhqquh it- tfal.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju**

Ilbes gogils protettivi kontra l-kimiċi skont l-Istandard Ewropew EN ISO 16321 jew ekwivalenti, ilbies protettiv reżistenti għall-kimika tal-prodott bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimika klassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN ISO 374 jew ekwivalenti. Ara t-taqsimi 6 għat-titli sħaħ tal-istandards EN.

Il-materjal tal-gogils, tal-ingwanti u tat-tuta jrid ikun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott.

(*) L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsimi huma validi għal kull użu awtorizzat fi ħdan il-meta SPC 2.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġislazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsim 6 għar-referenza sħiħa għal dan l-att.

4.1.4. Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU ⁽⁸⁾ TAL-META SPC 8

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Qabbad il-jerrycan, it-tanbur jew l-IBC li fih il-prodott mal-unità tad-dożaġġ tas-sistema CIP. Id-dożaġġ u d-dilwizzjoni għandhom jitwettqu awtomatikament permezz tal-unità tad-dożaġġ tas-sistema CIP u jiġu mmonitorjati permezz ta' kejl tal-konduktività.

Evita kuntatt ma' aluminju, metalli mhux ferrużi u materjali galvanizzati.

Mhux meħtieġ tindif minn qabel.

Il-ħin minimu ta' kuntatt huwa 5 minuti għall-batterji u 15-il minuta għall-ħmejjer.

Wara l-applikazzjoni, laħlaħ is-sistema trattata sew b'ilma nadif.

5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju

Ilbes gogils protettivi kontra l-kimiċi skont l-Istandard Ewropew EN ISO 16321 jew ekwivalenti, ilbies protettiv reżistenti għall-kimika tal-prodott bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimika klassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN ISO 374 jew ekwivalenti.

Il-materjal tal-gogils, tal-ingwanti u tat-tuta jrid ikun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott.

Ilbes protezzjoni tan-nifs meta timmaniġġja l-prodott konċentrat. Il-protezzjoni tan-nifs trid tkun speċifikata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott. Evita li toqgħod f'żoni fejn hemm il-formazzjoni ta' aerosols.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs.

Jekk ikun hemm sintomi: sejjaħ lill-112 jew ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk ma jkunx hemm sintomi: sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

FKAŽ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: baħbah minnufih il-ġilda b'ħafna ilma. Wara, neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Ibqa' laħlaħ il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: laħlaħ minnufih bl-ilma għal ħafna minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal tal-inqas 15-il minuta. Sejjaħ lill-112 jew ambulanza għal għajnuna medika.

JEKK JINBELA': laħlaħ ħalqek minnufih. Agħti lill-persuna espota xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibra'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ lill-112 jew ambulanza għal għajnuna medika.

Miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

Prekawzjonijiet ambjentali: tħallix li l-prodott jidhöl f'sistemi tad-drenaġġ jew korpi tal-ilma.

Metodi u materjal għall-konteniment u għat-tindif: assorbi b'materjali li jgħaqqad il-likwidi (ramel, diatomit, leganti tal-aċidu, leganti universali, serratura). Armi l-materjal miġbur skont ir-regolamenti lokali.

5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Fi tmiem l-applikazzjoni, armi kull prodott li ma ntużax u l-ippakkjar skont ir-reqwiziti lokali.

Il-prodott użat jista' jiġi fflaxxjat fid-dranaġġ muniċipali skont ir-reqwiziti lokali.

⁽⁸⁾ L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsimha huma validi għal kull użu awtorizzat fi ħdan il-meta SPC 8.

5.5. **Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar

Ara li jkun hemm ventilazzjoni jew estrazzjoni tal-arja tajba.

Taħżinx flimkien ma' alkali (soluzzjonijiet kawstiċi).

Taħżinx f'temperatura ogħla minn 40°C.

Żomm' il bogħod mis-sħana u mid-dawl tax-xemx dirett.

Ipproteġi mill-ġlata.

Żomm il-kontenitur magħluq sew.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Mhux rilevanti

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 8**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem kummerċjali	calgonit Duocip		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0020 1-8				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	16,0
Aċidu metansulfoniku	Aċidu metansulfoniku	Sustanza mhux attiva	75-75-2	200-898-6	10,5
Aċidu sulfuriku	Aċidu sulfuriku	Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	4,5
Aċidu isononanojku	Aċidu isononanojku	Sustanza mhux attiva	3302-10-1	221-975-0	2,5

7.2. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem kummerċjali	calgonit Duocip P		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028957-0021 1-8				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	16,0

Aċidu fosforiku	Aċidu fosforiku	Sustanza mhux attiva	7664-38-2	231-633-2	18,75
Aċidu sulfuriku	Aċidu sulfuriku	Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	4,5
Aċidu isononanojku	Aċidu isononanojku	Sustanza mhux attiva	3302-10-1	221-975-0	2,5

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1312

tas-27 ta' Ġunju 2023

li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 rigward ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' zkkuk tal-ballut bil-qoxra li joriġinaw mill-Istati Uniti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi pprevenuta l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-*Bretziella fagacearum* (Bretz) Z.W. de Beer, Marincowitz, T.A. Duong & M.J. Wingfield, ċomb. nov., il-patoġenu li jikkawża t-tidbil tal-ballut ("il-pest speċifika"), l-injam taz-zkkuk tal-ballut (*Quercus* L.) li joriġina mill-Istati Uniti ("l-injam speċifika"), jista' jiddaħħal fit-territorju tal-Unjoni biss jekk jissodisfa r-rekwiżiti speċjali li jinsabu fil-punt 90 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ⁽³⁾.
- (2) L-istess rekwiżiti għall-introduzzjoni ta' zkkuk tal-ballut bil-qoxra mill-Istati Uniti ġew stabbiliti fil-Parti A, it-Taqsima 1, il-punt 3 tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ⁽⁴⁾, li tħassret bir-Regolament (UE) 2016/2031. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/359/KE ⁽⁵⁾ kienet tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu derogi minn dawk ir-rekwiżiti għall-injam speċifika f'kundizzjonijiet speċifiċi, qabel ma skadiet fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2005/359/KE kienu jinkludu fumigazzjoni tal-injam speċifika bis-sustanza bromometan (imsejjaħ ukoll "bromur tal-metil"), li l-użu tiegħu huwa ristrett skont il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu ⁽⁶⁾ li l-Unjoni hija parti minnu. Għalhekk, ġie deċiż li d-deroga stabbilita f'dik id-Deċiżjoni ma tiġix estiża.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/359/KE tad-29 ta' April 2005 li tipprovdi deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward ta' zkkuk tal-ballut (*Quercus* L.) bil-qoxra magħhom, li joriġinaw mill-Istati Uniti (ĠU L 114, 4.5.2005, p. 14).

⁽⁶⁾ ĠU L 297, 31.10.1988, p. 21.

- (4) F'Marzu 2020, l-Istati Uniti sottomettew dossier li kien fih informazzjoni teknika u xjentifika dwar trattamenti alternattivi li jikkonsisti minn approċċ ibbażat fuq is-sistemi, li ma jinkludix il-fumigazzjoni bil-bromometan.
- (5) L-approċċ ibbażat fuq is-sistemi jinkludi l-ħsad tal-injam speċifikat f'kundizzjonijiet selettivi u taħt is-supervizzjoni ta' forestier iċċertifikat, it-trasport tiegħu f'kontejners magħluqa mill-impjant tal-esportazzjoni taz-zkuk għall-post tal-fumigazzjoni, u l-fumigazzjoni tiegħu bil-fluworur tas-sulfuril minn operaturi liċenzjati.
- (6) Barra minn hekk, dak l-approċċ ibbażat fuq is-sistemi jinkludi wkoll kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħatt u l-ipproċessar sikuri tal-injam speċifikat wara li jiddaħħal fl-Unjoni, sabiex ikun żgurat l-oġġla livell possibbli ta' protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat.
- (7) Bil-ħsieb li jiġi żgurat twettiq effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali u kontroll xieraq tar-riskji, jeħtieġ li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu kompletament jew parzjalment fil-post tal-ħżin minflok f'post ta' kontroll mal-fruntiera.
- (8) Sabiex tiġi żgurata s-supervizzjoni xierqa tiegħu, l-injam speċifikat jinħażen f'postijiet li jkunu ntgħażlu mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat bħala punti ta' kontroll f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123 ⁽⁷⁾ u li joffru faċilitajiet xierqa ta' ħżin fl-imxarrab. Sabiex il-pest speċifikat ma jitħallix jinxtered wara li jinħatt l-injam speċifikat mill-kontejners fil-punt ta' kontroll magħżul, l-injam speċifikat jiġi pproċessat minnufih, inkella jinħażen il-ħin kollu fl-imxarrab sakemm jiġi pproċessat.
- (9) L-Istati Uniti jiddikjaraw li l-miżuri deskritti fid-dossier tagħhom jipprevedu l-istess livell ta' protezzjoni għat-territorju tal-Unjoni kontra l-introduzzjoni ta' pesti ta' kwarantina bħar-rekwiżiti speċifiċi tal-punt 90 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 għall-introduzzjoni ta' zkuk tal-ballut li jorjginaw mill-Istati Uniti fit-territorju tal-Unjoni.
- (10) Id-dossier ġie evalwat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u ġie diskuss minn esperti mill-Istati Membri. Ġie konkluż ⁽⁸⁾ li minkejja l-inċertezzi indikati dwar l-effikaċja tal-fluworur tas-sulfuril fir-rigward tal-pest speċifikat, jista' jiġi stabbilit approċċ ibbażat fuq is-sistemi, li effettivament jista' jelimina r-riskju tal-introduzzjoni tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni.
- (11) Biex ikun żgurat il-kontroll f'waqt tal-injam speċifikat mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li qabel l-importazzjoni l-importatur jinnotifika bil-quddiem biżżejjed lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ewwel post tal-ħżin previst, b'kull kunsinna tal-injam speċifikat, fil-format stabbilit fl-Artikolu 40(1), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ⁽⁹⁾.
- (12) Filwaqt li jitqies li jista' jiġi stabbilit approċċ ibbażat fuq is-sistemi, u dan effettivament jista' jelimina r-riskju li jiġi introdott il-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li l-injam speċifikat jitħalla jiddaħħal fit-territorju tal-Unjoni, f'ċerti kundizzjonijiet. Billi dan ir-Regolament jindirizza riskju fitosanitarju partikolari li għadu ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ, ir-rekwiżiti tiegħu jridu jkunu temporanji, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika sat-30 ta' Settembru 2026.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

(7) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-każijiet meta l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi fuq ċerti oġġetti jistgħu jitwettqu f'punti ta' kontroll u l-verifiki dokumentarji jistgħu jitwettqu l' bogħod mill-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u l-kundizzjonijiet li bihom isiru dawn il-verifiki (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 64).

(8) Commodity risk assessment of oak logs with bark from the US for the oak wilt pathogen *Bretziella fagacearum* under an integrated systems approach. EFSA Journal 2020;18(12):6352. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6352>.

(9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jstabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri speċifiċi għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-injam tal-ballut (*Quercus L.*), li jkun għadu bil-wiċċ tond naturali u bil-qoxra tiegħu, li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "l-injam speċifikat" tfisser injam tal-ballut (*Quercus L.*), li jkun għadu bil-wiċċ tond naturali u bil-qoxra tiegħu, maħsub għall-produzzjoni tal-fuljetta u li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka;
- (2) "il-pest speċifikat" tfisser il-patoġenu *Bretziella fagacearum* (Bretz) Z.W. de Beer, Marincowitz, T.A. Duong & M.J. Wingfield, ċomb. nov.

Artikolu 3

Deroga mir-Regolament (UE) 2019/2072

B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti taħt "Rekwiżiti speċjali" fil-punt 90 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-injam speċifikat jista' jiġi introdott fit-territorju tal-Unjoni jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament, u fl-Anness tiegħu, ikunu ġew issodisfati.

Artikolu 4

Dispaċċ lejn it-territorju tal-Unjoni, u l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, tal-injam speċifikat

1. L-injam speċifikat jista' jintbagħat biss:
 - (a) mill-Istati Uniti; u
 - (b) fil-perjodu bejn il-15 ta' Ottubru u l-10 ta' April tas-sena ta' wara.
2. L-injam speċifikat jista' jiddaħħal fit-territorju tal-Unjoni biss:
 - (a) waqt is-sena tad-dispaċċ jew sat-30 ta' April tas-sena ta' wara, jekk id-data tad-dispaċċ tkun bejn il-15 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, jew
 - (b) sat-30 ta' April tas-sena tad-dispaċċ, jekk id-data tad-dispaċċ tkun bejn l-1 ta' Jannar u l-10 ta' April.

Artikolu 5

Ċertifikat fitosanitarju

L-injam speċifikat għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat fitosanitarju li jindika dan li ġej:

- (a) taħt l-intestatura "Post tal-orijini", l-isem u l-lokalità fejn jinsab is-sit minn fejn inħasad l-injam speċifikat;
- (b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", id-dikjarazzjoni ta' hawn taħt: "Din il-kunsinna hija konformi mar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1312";
- (c) il-marka ta' identifikazzjoni tal-lott iffumigat imsemmija fil-punt 7 tal-Anness;

- (d) in-numri taz-zkuk li jikkorrispondu ma' kull zokk individwali esportat tal-injam speċifikat;
- (e) l-isem tal-operatur tal-fumigazzjoni liċenzjat u l-isem u l-post fejn jinsab is-sit tal-fumigazzjoni.

Artikolu 6

Verifikazzjoni tad-dokumenti, tal-identità u fiżika

1. Il-verifiki tad-dokumenti tal-injam speċifikat għandhom jitwettqu biss f'post ta' kontroll mal-fruntiera jew f'punt ta' kontroll li ma jkunx post ta' kontroll mal-fruntiera, magħżul għall-kategorija tal-merkanzija fil-kunsinna f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2123.

Il-verifiki fiżiċi u tal-identità tal-injam speċifikat għandhom jitwettqu fil-postijiet ta' kontroll mal-fruntiera fejn tkun saret il-verifika tad-dokumenti jew f'punt ta' kontroll li ma jkunx post ta' kontroll mal-fruntiera, magħżul għall-kategorija tal-oġġetti fil-kunsinna f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/2123 u fejn ikunu disponibbli faċilitajiet xierqa ta' ħżin fl-imxarrab.

2. Il-kontrolli uffiċjali għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

- (a) eżami ta' kull ċertifikat fitosanitarju; u
- (b) verifika tal-identità li tikkonsisti mit-tqabbil tal-marka fuq kull zokk u tal-għadd ta' zkuk mal-informazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikat fitosanitarju rispettiv.

3. Meta l-verifiki tal-identità jew fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 ma jsirux fil-post ta' kontroll mal-fruntiera tal-port tal-wasla tal-injam speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, iz-zkuk tal-injam speċifikat għandhom jibqgħu fil-kontejners tat-trasport u l-kontejners għandhom jibqgħu magħluqa u taħt superviżjoni doganali sakemm jitwettqu dawk il-verifiki.

Artikolu 7

Ħżin

1. Wara li jinħattu, iz-zkuk tal-injam speċifikat jistgħu jinħażnu biss fil-punti ta' kontroll mal-fruntiera jew f'postijiet li jkunu ntgħażlu biex ikunu punti ta' kontroll f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/2123, fejn ikunu disponibbli faċilitajiet ta' ħżin fl-imxarrab xierqa u li jkunu ġew approvati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm isir l-ipproċessar.

2. Wara li jinħattu mill-kontejners fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 1, iz-zkuk tal-injam speċifikat għandhom jiġu pproċessati minnufih jew jinħażnu il-ħin kollu fl-imxarrab sakemm isir l-ipproċessar.

3. L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-verifiki fiżiċi biex taċċerta li l-kundizzjonijiet għall-ħżin ikunu konformi ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Ipproċessar

1. Iz-zkuk tal-injam speċifikat għandhom jiġu pproċessati biss f'postijiet awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti, u jistgħu jkunu:

- (a) l-ewwel post tal-ħżin, immedjatament wara li jaslu fl-Unjoni; jew
- (b) faċilitajiet oħra aktar 'il quddiem.

2. Qabel ma jitkompla l-ipproċessar, iz-zkuk tal-injam speċifikat għandhom jingħataw trattament bil-misħun, skont il-kundizzjonijiet ix-xierqa għall-injam maħsub għall-produzzjoni tal-fuljetta.

3. Kull biċċa qoxra tas-siġar u skart ieħor li jirriżulta mill-ħatt u mill-ipproċessar taz-zkuk tal-injam speċifikat għandhom jinqerdu minnufih permezz tal-inċinerazzjoni *in situ*.

4. L-awtorità kompetenti għandha twestaq il-verifiki fiżiċi biex taċċerta li l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar u għat-trattament tal-iskart tal-injam speċifikat ikunu konformi ma' dan l-Artikolu.

5. L-awtorità kompetenti għandha, bejn intervalli xierqa, tispezzjona kull popolament tal-ballut li jista' jkun hemm viċin il-post tal-ħżin u tal-ipproċessar, għas-sintomi tal-pest speċifikat.

Jekk jinstab xi sintomu li seta' ġie kkawżat mill-pest speċifikat, għandu jsir aktar ittestjar uffiċjali f'konformità ma' metodi xierqa biex jiġi kkonfermat huwiex preżenti l-pest speċifikat.

Artikolu 9

Notifika tal-kunsinni

1. Qabel l-importazzjoni, l-importatur għandu jinnotifika minn qabel sew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ewwel post tal-ħżin wara l-wasla fit-territorju tal-Unjoni, b'kull kunsinna tal-injam speċifikat, bil-format stabbilit fl-Artikolu 40(1), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

2. Għal kull kunsinna maħsuba għall-importazzjoni, fin-notifika l-importatur għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-għadd ta' zġuk;
- (b) il-port tat-tluq;
- (c) il-port jew il-portijiet tal-ħatt;
- (d) il-post jew il-postijiet tal-ħżin;
- (e) il-post jew il-postijiet fejn ikun se jsir l-ipproċessar.

3. Meta importatur jinnotifika l-importazzjoni maħsuba ta' kunsinna kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti, qabel l-importazzjoni, għandha tinforma lill-importatur bir-reqwiziti previsti fl-Artikoli 3 sa 9.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika sat-30 ta' Settembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Kundizzjonijiet rigward il-fumigazzjoni u l-identifikazzjoni relatata tal-injam speċifikat fl-istati uniti kif imsemmi fl-Artikolu 3

L-injam speċifikat jista' jiddaħħal fit-territorju tal-Unjoni biss wara li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkonfermaw fuq iċ-ċertifikat fitosanitarju maħruġ skont l-Artikolu 5 li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin dwar il-ħsad, il-fumigazzjoni u l-identifikazzjoni tiegħu fl-Istati Uniti:

- (1) L-injam speċifikat ikun inħasad f'postijiet tal-produzzjoni fejn ma jkunx magħruf li jokkorri l-pest speċifikat, u l-għażla u l-ħsad tal-pjanti tal-injam speċifikat ikunu ġew issorveljati minn forestier ċertifikat mill-Association of American Foresters.
- (2) Iz-zkuk kollha fil-kunsinna jkunu ġew issoġġettati għal eżami viżiva u nstabu ħielsa mis-sintomi tal-pest speċifikat. Wara l-ħsad u t-trasport lejn depost taz-zkuk għall-esportazzjoni, l-injam speċifikat ikun tqiegħed f'kontejners tal-merkanzija, fejn ikun baqa' matul l-istadji sussegwenti tat-trasport, tal-ħżin, tal-fumigazzjoni u tal-ispedizzjoni.
- (3) Iz-zkuk ikunu tqiegħdu fil-kontejners, b'tali mod u b'tali densità biex ikun żgurat li l-gass jiddispersa effettivament fost iz-zkuk.
- (4) Il-kontejners ikunu tgħabbew fuq wiċċ impermeabbli taħt għata li ma joħroġx gass minnha għall-fumigazzjoni.
- (5) Iz-zkuk ikunu għaddew minn fumigazzjoni ta' 72 siegħa b'rata medja ta' fluworur tas-sulfuril ta' 240 g/m³ tal-volum totali fil-kontejners, u z-zkuk ikollhom temperatura minima ta' 15,6 C. Għal dan l-għan, ikun iddaħħal dożaġġ ta' 240 g/m³ ta' fluworur tas-sulfuril fil-kontejners fil-bidu tat-trattament.

Imbagħad ikun żdied il-fluworur tas-sulfuril wara 30 minuta mill-bidu tat-trattament, imbagħad wara sagħtejn, wara 24 siegħa, wara 48 siegħa, u wara 72 siegħa rispettivament, sakemm il-konċentrazzjoni tkun żdiedet għal 280 g/m³. Wara 72 siegħa, it-trattament ikun ilu għaddej għal mill-inqas 24 siegħa, biex sa tmiem it-trattament il-fluworur tas-sulfuril ikun jista' jillivella sa minimu ta' 200 g/m³ fi tmiem it-trattament.

Il-fumigazzjoni tkun amministrat doża akkumulata ta' fluworur tas-sulfuril ta' mill-inqas 22 500 g*h/m³.

- (6) Il-proċeduri tal-fumigazzjoni, kif deskritti fil-punti 3, 4 u 5, ikunu twettqu minn operaturi tal-fumigazzjoni b'liċenzja uffiċjali, bl-użu ta' faċilitajiet xierqa ta' fumigazzjoni u minn persunal ikkwalifikat skont l-istandards meħtieġa u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fatturi pertinenti kollha, bħad-densità u l-umdità tal-injam, jew id-densità tat-tagħbija fil-kontejner.
Il-lista tal-operaturi tal-fumigazzjoni liċenzjati u ta' xi sostituti tagħhom li jista' jkun hemm tkun intbagħtet lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni ma tkunx oġġezzjonat għall-operattivi tal-fumigazzjoni involuti.
- (7) Il-marka ta' identifikazzjoni tal-fumigazzjoni tal-lott (numri u/jew ittri) tkun twaħħlet, b'mod li ma tinqalax, mat-tarf ta' taħt ta' kull zokk fil-munzell li qed jiġi ffumigat. Il-marka ta' identifikazzjoni tal-fumigazzjoni tal-lott tkun irriservata għall-ispeditur. Ma tkunx intużat għal zkuk ta' lottijiet oħra. Ir-rekords tal-marki tal-identifikazzjoni jkunu nżammu mill-operaturi tal-fumigazzjoni liċenzjati.
- (8) Il-proċedura tal-fumigazzjoni individwali, li tinkludi l-marka msemmija fil-punt 7, tkun ġiet issorveljata sistematikament fis-siti tal-fumigazzjoni, direttament minn uffiċjali tal-organizzazzjoni uffiċjali tal-protezzjoni tal-pjanti kkonċernata jew minn awtorità kompetenti ddelegata b'mod li tkun ġiet żgurata l-konformità mal-punti 3, 4, 5, 6 u 7.
- (9) Wara l-fumigazzjoni, iz-zkuk tal-injam speċifikat ikunu ġew ittrasportati u maħżuna f'kontejners magħluqa.
- (10) Tkun disponibbli l-informazzjoni li tiżgura t-traċċabbiltà tal-postijiet ta' produzzjoni msemmija fil-punt (1) u tal-operaturi tal-fumigazzjoni b'liċenzja uffiċjali msemmija fil-punt (6).

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1313

tat-22 ta' Ġunju 2023

li tapprova, f'isem l-Unjoni Ewropea, l-emendi għall-Anness 14-B tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.
- (2) Fil-qafas tal-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettuali, l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"), ikkonfermaw li kull sena, mill-2020 sal-2022, il-Kumitat Konġunt se jikkunsidra sa 28 isem mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġappun rispettivament, li għandhom ikunu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħin "IG") u miżjudin fl-Anness 14-B tal-Ftehim, dment li daww il-ismijiet ikunu protetti bħala IG domestikament. F'konformità mal-Artikolu 14.30 tal-Ftehim, żdiedu 28 IG tal-Unjoni u 28 IG tal-Ġappun fl-Anness 14-B tal-Ftehim fl-1 ta' Frar 2021 ⁽²⁾ u fl-1 ta' Frar 2022 ⁽³⁾, rispettivament. Fir-rigward tat-tielet żieda tal-IG fl-Anness 14-B, il-Partijiet ikkonfermaw li din se ssir fl-2023 minflok fl-2022, u li din iż-żieda se ssir f'żewġ okkażjonijiet separati fl-2023: Waħda minnhom kemm għat-28 IG tal-Unjoni Ewropa kif ukoll għall-14-il IG tal-Ġappun, u l-oħra għall-bqija tal-IG agrikoli Ġappuniżi. L-Artikolu 14.30 tal-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda mal-Anness 14-B tal-Ftehim wara li tkun tlestiet il-proċedura ta' oppożizzjoni u wara li jkunu ġew eżaminati l-indikazzjonijiet ġeografiċi kif stabbilit fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 14.25 tiegħu għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.
- (3) Fuq talba tal-Partijiet u skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.30, l-Unjoni lestiet il-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 14-il indikazzjoni ġeografika addizzjonali tal-Ġappun, u l-Ġappun lesta l-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 28 indikazzjoni ġeografika addizzjonali tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiżdiedu mal-lista korrispondenti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Istat Membru rispettiv tal-Unjoni u mal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Ġappun.
- (4) Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 14.53 tal-Ftehim li jipprevedi li l-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettuali, stabbilit skont l-Artikolu 22.3 tal-Ftehim, jenħtieġ li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 22.1 tal-Ftehim dwar emendi għall-Anness 14-B fuq talba ta' Parti.
- (5) Skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Ftehim f'każijiet speċifiċi, inkluż l-emendar għall-Anness 14-B, f'konformità mal-proċeduri legali domestiċi rispettivi tal-Partijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1.

⁽²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A22021D0109&qid=1635340796840> <https://www.mofa.go.jp/mofaj/files/100141732.pdf>

⁽³⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A22022D0138&qid=1675141114801> <https://www.mofa.go.jp/mofaj/files/100293455.pdf>

- (6) Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettuali rakkomanda lill-Kumitat Konġunt biex jemenda l-Anness 14-B tal-Ftehim kif xieraq.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness 14-B tal-Ftehim jiġi emendat skont dan u jenħtieġ li l-emendi jiġu approvati fisem l-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-emendi għall-Anness 14-B tal-Ftehim stabbiliti fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, huma b'dan approvati fisem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim emendatorju, fil-forma ta' abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rappreżentant tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt huwa awtorizzat li japprova l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ftehim emendatorju fl-Anness, fil-forma tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kumitat Konġunt.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

**Deċiżjoni Nru X/2023 tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal
Sħubija Ekonomika****ta' [data]****dwar l-emendi għall-Anness 14-B dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 14.30 u 22.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.
- (2) Fil-qafas tal-Kumitat dwar il-Proprietà Intellettuali, l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Partijiet"), ikkonfermaw li kull sena, mill-2020 sal-2022, il-Kumitat Konġunt se jikkunsidra sa 28 isem mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġappun rispettivament li għandhom ikunu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IG") u miżjuda fl-Anness 14-B tal-Ftehim, dment li daww l-ismijiet ikunu protetti bħala IG domestikament. F'konformità mal-Artikolu 14.30 tal-Ftehim, żdiedu 28 IG tal-Unjoni u 28 IG tal-Ġappun fl-Anness 14-B tal-Ftehim fl-1 ta' Frar 2021 ⁽¹⁾ u fl-1 ta' Frar 2022 ⁽²⁾, rispettivament. Fir-rigward tat-tielet żieda ta' IG fl-Anness 14-B, il-Partijiet ikkonfermaw li din se ssir fl-2023 minflok fl-2022 u li din iż-żieda se ssir f'żewġ okkazzjonijiet separati fl-2023: Waħda minnhom kemm għat-28 IG tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-14-il IG għall-Ġappun u l-oħra għall-bqija tal-IG agrikoli Ġappuniżi.
- (3) Fuq talba tal-Partijiet u skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.30, l-Unjoni Ewropea lestiet il-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 14-il IG addizzjonali tal-Ġappun, u l-Ġappun lesta l-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 28 IG addizzjonali tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Fit-12 ta' Ġunju 2023, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 14.53 tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Proprietà Intellettuali rrakkomanda lill-Kumitat Konġunt biex jemenda l-Anness 14-B tal-Ftehim skont dan.
- (5) Il-Partijiet lestew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim, u jagħmlu hilitom biex jiskambjaw in-noti diplomatiki li jikkonfermaw l-emendi għall-Ftehim mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol wara li tiġi addottata d-Deċiżjoni.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness 14-B tal-Ftehim jiġi emendat, f'konformità mal-paragrafu 3 u mas-subparagrafu 4(g) tal-Artikolu 23.2 tal-Ftehim.
- (7) Il-Partijiet ikkonfermaw li ż-żewġ partijiet se jkomplu jaħdmu mill-qrib biex fl-Anness 14-B, iżidu aktar IG li għandhom ikunu protetti mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġappun fid-dawl tal-interessi ta' kull parti, bl-għan li jiżdiedu aktar IG tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġappun mill-1 ta' Jannar 2025.

⁽¹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A22021D0109&qid=1635340796840>
<https://www.mofa.go.jp/mofaj/files/100141732.pdf>

⁽²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1675141114801&uri=CELEX%3A22022D0138>
<https://www.mofa.go.jp/mofaj/files/100293455.pdf>

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

- (a) Fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista korrispondenti ta' IĠ tal-Istat Membru rispettiv tal-Unjoni Ewropea.
- (b) Fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista ta' IĠ tal-Ġappun.
- (c) Fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 3 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista korrispondenti ta' IĠ tal-Istat Membru rispettiv tal-Unjoni Ewropea.
- (d) Fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 4 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista ta' IĠ tal-Ġappun.

Artikolu 2

- (a) Il-Kumitat Konġunt se jiddeċiedi dwar iż-żieda ulterjuri fl-Anness 14-B tal-Ftehim ta' għadd massimu ta' sitt ismijiet mill-Ġappun, li għandhom ikunu protetti bħala IĠ skont il-Ftehim sa tmiem din is-sena (2023), dment li dawk l-ismijiet ikunu IĠ protetti fit-territorju tal-Ġappun f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.
- (b) Fl-2025, il-Kumitat Konġunt se jiddeċiedi dwar żieda ulterjuri fl-Anness 14-B tal-Ftehim ta' għadd suffiċjenti ta' IĠ tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġappun li għandhom ikunu protetti bħala IĠ skont il-Ftehim, b'mod sodisfaċenti għaż-żewġ Partijiet, filwaqt li jitqies il-livell ta' implimentazzjoni tal-politiki dwar l-IĠ fit-territorji rispettivi tagħhom, dment li dawk l-ismijiet ikunu IĠ protetti fit-territorju tal-Parti f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni titfassal f'żewġ kopji. L-Artikolu 1 u l-Annessi ta' din id-Deċiżjoni jiffasslu f'żewġ kopji bil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim previsti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23.8 tal-Ftehim, u t-testi kollha huma awtentiċi b'mod ugwali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata mill-Partijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim. L-emendi għall-Ftehim adottati permezz ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu kkonfermati u jidħlu fis-seħħ mal-iskambju tan-noti diplomatiċi f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 23.2 tal-Ftehim.

Għall-Kumitat Konġunt,
Kopresident [għall-Ġappun]

Kopresident [għall-UE]

ANNEX 1

IL-KROAZJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Korčulansko maslinovo ulje	コルチュランスコ・マスリノ ヴォ・ウリエ	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [żejt taż-żebbuġa]

FRANZA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Époisses	エポワス	Ġobon
Mont d'Or/Vacherin du Haut-Doubs	モン・ドール/ヴァシユラン・ デュ・オー・ドゥー	Ġobon
Raclette de Savoie	ラクレット・ド・サヴォワ	Ġobon

IL-GREĊJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Λακωνία (Trażlitterazzjoni fl-alfabett Latin: Lakonia)	ラコニア	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [żejt taż-żebbuġa]

L-ITALJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Cotechino Modena	コテキーノ・モデナ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [zalzett tal-majjal]
Finocchiona	フィノッキオーナ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Limone di Siracusa	リモーネ・デイ・シラクーザ	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati [ċitru]

SPANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Ajo Morado de Las Pedroñeras	アホ・モラド・デ・ラス・ペド ロニエラス	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati [tewm]

Arzúa-Ulloa	アルスア・ウジョア	Ġobon
Melocotón de Calanda	メロコトン・デ・カラ ندا	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati [ħawħ]
Queso de Valdeón	ケソ・デ・バルデオ ン	Ġobon
Queso de Murcia al vino	ケソ・デ・ムルシア・アル・ビノ	Ġobon
San Simón da Costa	サン・シモン・ダ・コスタ	Ġobon
Vinagre de Jerez	ビナグレ・デ・ヘレス	Prodotti oħra tal-Anness I tat-TFUE (ħwawar eċċ.) [hall]

ANNEX 2

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fl-alfabett Latin (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
大口れんこん/Okuchi Renkon	Okuchi Renkon	Prodott agrikolu [għerq tal-lotus]
氷見稲積梅/Himi Inazumiume	Himi Inazumiume	Prodott agrikolu [Ume (berquq Ġappuniż)]
種子島安納いも/TANEGASHIMA ANNOU SWEETPOTATO/ Tanegashima Annou Imo	Tanegashima Annou Imo	Prodott agrikolu [patata ħelwa]
飛驒牛/Hidagyu/Ħida Beef	Ħida Gyu	Laħam frisk [ċanga]
伊達のあんぼ柿/DATE NO ANPO GAKI/DATE NO ANPO KAKI	Date no Anpo Gaki/Date no Anpo Kaki	Prodott agrikolu pproċessat [Kaki Ġappuniż immnixxef]
サヌキ白みそ/Sanuki shiro miso	Sanuki Shiro Miso	Ħwawar u Sopot [pasta tal-miso]
たむらのエゴマ油/Tamura no egoma oil/Tamura no egoma abura	Tamura no Egoma Abura	Żjut u xaħmijiet [żejt tal-perilla]

ANNEX 3

L-AWSTRIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Pálinka ⁽¹⁾ (Traduzzjoni fil-Ġappuniż: パーリンカ)	パーリンカ	Spirti

⁽¹⁾ Prodott tal-Awstrija jew tal-Ungerija.

IL-BULGARIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Карнобатска гроздова ракия/Гроздова ракия от Карнобат/Karnobatska grozdova rakya/Grozdova rakya ot Karnobat	カルノバトスカ・グロズド ヴァ・ラキヤ/グロズドヴァ・ラ キヤ・オト・カルノバト	Spirti

FRANZA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Bourg/Côtes de Bourg/Bourgeais	ブール/コート・ドゥ・ブール/ブル ジエ	Inbid
Cassis	カシー	Inbid
Cassis de Bourgogne	カシス・ドゥ・ブルゴーニュ	Spirti

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Entre-deux-Mers	アントル・ドゥー・メール	Inbid
Fronsac	フロンサック	Inbid
Listrac-Médoc	リストラック・メドック	Inbid
Moulis/Moulis-en-Médoc	ムーリ/ムーリ・ザン・メドック	Inbid

L-UNGHERIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Pálinka ⁽¹⁾ (Traduzzjoni fil-Ġappuniż: パーリンカ)	パーリンカ	Spirti

⁽¹⁾ Prodott tal-Awstrija jew tal-Ungerija.

IR-RUMANIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Pălincă (Traduzzjoni fil-Ġappuniż: パリンカ)	パリンカ	Spirti

IS-SLOVENJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Kras	クラス	Inbid

SPANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fil-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
Montsant	モンサン	Inbid
Ribeiro	リベイロ	Inbid

ANNEX 4

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni fl-alfabett Latin (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrezzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
佐賀	Saga	Seishu (Sake)
大阪	Osaka	Inbid
長野	Nagano	Inbid
長野	Nagano	Seishu (Sake)
山形	Yamagata	Inbid
新潟	Niigata	Seishu (Sake)
滋賀	Shiga	Seishu (Sake)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-IŻVIZZERA

tat-12 ta' Ġunju 2023

li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972, kif emendat [2023/1314]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ⁽¹⁾, kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tas-26 ta' Ottubru 2004 li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati ⁽²⁾ ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2 tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera, bħala Partijiet Kontraenti, ipprovdew lill-Kumitat Konġunt il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-materja prima kollha li għaliha ġew applikati miżuri ta' kumpens għall-prezzijiet, għall-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar minn Settembru 2021 sa Awwissu 2022. Minn dawk il-prezzijiet jirriżulta li s-sitwazzjoni reali tal-prezzijiet fir-rigward ta' dik il-materja prima fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti nbidlet.
- (2) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu aġġornati l-prezzijiet domestiċi ta' referenza u d-differenzi fil-prezzijiet għall-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda III tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, kif ukoll li jiġu adattati l-ammonti bażiċi tal-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda IV ta' dak il-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

- (a) l-Iskeda III hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) fl-Iskeda IV, il-punt (b) huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽²⁾ ĠU L 23, 26.1.2005, p. 19.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Marco DUEERKOP

ANNEX I

"SKEDA III

Prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-Iżvizzera u tal-UE

Materja prima agrikola	Prezz domestiku ta' referenza tal-Iżvizzera CHF għal kull 100 kg netti	Prezz domestiku ta' referenza tal-UE CHF għal kull 100 kg netti	L-Artikolu 4(1) Applikat fl-Iżvizzera, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE CHF għal kull 100 kg netti	L-Artikolu 3(3) Applikat fl-UE, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	55,03	34,01	21,00	0,00
Qamħ durum	-	-	1,20	0,00
Segala	45,00	30,60	14,40	0,00
Barli	-	-	-	-
Qamħirrum	-	-	-	-
Dqiq tal-qamħ komuni	95,24	60,71	34,55	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	652,27	463,32	188,95	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	437,33	372,75	64,60	0,00
Butir	1 168,37	648,74	519,65	0,00
Zokkor abjad	-	-	-	-
Bajd	-	-	38,00	0,00
Patata friska	40,06	15,77	24,30	0,00
Xaħam veġetali	-	-	170,00	0,00"

ANNEX II

“(b) Ammonti bażiċi għall-materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

Materja prima agrikola	Ammont bażiku applikat fl-Iżvizzera Art 3(2)	Ammont bażiku applikat fl-UE Art 4(2)
	CHF għal kull 100 kg netti	EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	17,10	0,00
Qamħ durum	1,00	0,00
Segala	11,05	0,00
Barli	-	-
Qamħirrum	-	-
Dqiq tal-qamħ komuni	28,15	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	154,00	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	52,65	0,00
Butir	423,50	0,00
Zokkor abjad	-	-
Bajd	30,95	0,00
Patata friska	18,55	0,00
Xaħam veġetali	138,55	0,00”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)